

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1956

tas-26 ta' Novembru 2019

dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-vultaġġ, li ġiet abbozzata b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, it-tagħmir elettriku li hu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom jkunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, irid jkun preżunt konformi mal-oġġettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva u stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, koperti minn daww l-istandards armonizzati jew minn partijiet minnhom.
- (2) Permezz tal-ittra M/511 tat-8 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) biex jipprovdu l-ewwel lista sħiħa tat-titli tal-istandards armonizzati u biex jabbozzaw, jirrevedu u jlestu l-istandards armonizzati, għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-vultaġġ b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE. L-oġġettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/35/UE u stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva ma nbidlux minn mindu saret it-talba lis-CEN, lis-Cenelec u lill-ETSI.
- (3) Abbażi tat-talba M/511, is-CEN u s-Cenelec abbozzaw l-istandards armonizzati li ġejjin u l-emendi għalihom: EN 60204-1:2018 għal tagħmir elettriku tal-magni; EN 60335-1:2012/A13:2017, EN 60335-2-4:2010/A11:2018, EN 60335-2-15:2016, EN 60335-2-16:2003/A11:2018, EN 60335-2-28:2003/A11:2018, EN 60335-2-29:2004/A11:2018, EN 60335-2-55:2003/A11:2018, EN 60335-2-59:2003/A11:2018, EN 60335-2-74:2003/A11:2018, EN 60335-2-85:2003/A11:2018, EN 60335-2-109:2010/A1:2018 u EN 60335-2-109:2010/A2:2018 għal apparati elettriċi domestiċi u apparati simili; EN 60715:2017, EN 60947-2:2017, EN 60947-5-1:2017 u EN 60947-5-5:1997/A2:2017 għal switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx; EN 60898-1:2019, EN 61008-1:2012/A12:2017, EN 62606:2013/A1:2017 u EN 63024:2018 għal salvaviti u għal apparati simili għall-applikazzjonijiet domestiċi jew għal applikazzjonijiet simili; EN IEC 61010-2-201:2018 għal tagħmir tal-kejl, tal-kontroll u tal-laboratorju; EN IEC 61058-1:2018 għal swiċċijiet għall-apparat; EN 61643-11:2012/A11:2018 għal apparati ta' vultaġġ baxx li jipproteġu kontra tluġh f'daqqa tal-kurrent; u EN 62560:2012/A11:2019 għal bozoz u tagħmir relatat.
- (4) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-Cenelec, ivvalutat jekk dawn l-istandards u l-emendi għalihom, abbozzati mis-CEN u mis-Cenelec, humiex konformi mat-talba M/511.
- (5) Dawn l-istandards u l-emendi għalihom jissodisfaw l-oġġettivi tas-sikurezza li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/35/UE. Għalhekk huwa xieraq li jiġu ppubblikati r-referenzi għal daww l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-vultaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357).

- (6) Bosta standards armonizzati abbozzati mis-CEN u mis-Cenelec jissostitwixxu l-istandards armonizzati li ġejjin, inkluż l-emendi tagħhom, li r-referenzi għalihom huma ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾: EN 50557:2011 sostitwit minn EN 63024:2018; EN 60204-1:2006 sostitwit minn EN 60204-1:2018; EN 60335-2-15:2002 sostitwit minn EN 60335-2-15:2016; EN 60715:2001 sostitwit minn EN 60715:2017; EN 60898-1:2003 sostitwit minn EN 60898-1:2019; EN 60947-2:2006 sostitwit minn EN 60947-2:2017; EN 60947-5-1:2004 sostitwit minn EN 60947-5-1:2017; EN 61010-2-201:2013 sostitwit minn EN IEC 61010-2-201:2018; u EN 61058-1:2002 sostitwit minn EN IEC 61058-1:2018.
- (7) L-emendi abbozzati mis-CEN u mis-Cenelec jemendaw l-istandards armonizzati li ġejjin: EN 60335-1:2012, EN 60335-2-4:2010, EN 60335-2-16:2003, EN 60335-2-28:2003, EN 60335-2-29:2004, EN 60335-2-55:2003, EN 60335-2-59:2003, EN 60335-2-74:2003, EN 60335-2-85:2003, EN 60335-2-109:2010, EN 60947-5-5:1997, EN 61008-1:2012, EN 61643-11:2012 u EN 62560:2012, EN 62606:2013, li r-referenzi għalihom huma ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾; kif ukoll EN 60335-2-15:2016, li r-referenza għalih għadha mhix ippubblikata.
- (8) Is-CEN u s-Cenelec abbozzaw ukoll ir-rettifiki li ġejjin: ir-rettifika EN 60529:1991/AC:2016-12 li tikkoreġi l-istandard armonizzat EN 60529:1991 u r-rettifika EN 60529:1991/A2:2013/AC:2019-02 li tikkoreġi l-istandard armonizzat EN 60529:1991/A2:2013 għall-kompartimenti, li r-referenzi għalihom huma ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾; ir-rettifika EN 60598-2-22:2014/AC:2016-05 u EN 60598-2-22:2014/AC:2016-09 li tikkoreġi l-istandard armonizzat EN 60598-2-22:2014 għal apparati ta' illuminazzjoni u tagħmir relatat, li r-referenzi għalihom huma pubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁶⁾; ir-rettifika EN 61008-1:2012/A1:2014/AC:2016-06 li tikkoreġi l-istandard armonizzat EN 61008-1:2012/A1 għal interrutturi taċ-ċirkwit u għal apparat simili għall-applikazzjonijiet domestiċi jew għal dawk simili, li r-referenza għalih hija ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁷⁾; u r-rettifika EN 61851-23:2014/AC:2016-06 li tikkoreġi l-istandard armonizzat EN 61851-23:2014 għas-sistemi elettriċi għall-vetturi tat-triq, li r-referenza għalih hija ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁸⁾; Peress li dawn ir-rettifiki jintroduċu korrezzjonijiet tekniċi u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-istandards armonizzati, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati qabel, jixraq li jiġu ppubblikati r-referenzi għal dawk l-istandards armonizzati flimkien mar-referenzi għar-rettifiki f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (9) Għalhekk, huwa meħtieġ li r-referenzi għall-istandards f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jiġu sostitwiti, emendati jew ikkoreġuti. Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tas-sostituzzjoni, tal-emendar u tal-korrezzjoni tal-istandards armonizzati, huwa meħtieġ li jiġi ddiferit l-irtirar tal-istandards armonizzati li huma sostitwiti, emendati jew ikkoreġuti.
- (10) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti, inkluż l-oġġettivi tas-sikurezza, stabbilti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza għal tali standard f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi għall-istandards armonizzati għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-vultaġġ abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE, elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽³⁾ ĠU C 326, 14.9.2018, p. 4.

⁽⁴⁾ ĠU C 326, 14.9.2018, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU C 326, 14.9.2018, p. 4.

⁽⁶⁾ ĠU C 326, 14.9.2018, p. 4.

⁽⁷⁾ ĠU C 326, 14.9.2018, p. 4.

⁽⁸⁾ ĠU C 326, 14.9.2018, p. 4.

Artikolu 2

Ir-referenzi għall-istandards armonizzati għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-vultaġġ abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE, elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Nru	Referenza għall-istandard
1.	EN 60204-1:2018 Sikurezza tal-makkinarju - Tagħmir elettriku tal-magni - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 60204-1:2016 (Modifikat)
2.	EN 60335-1:2012 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 60335-1:2010 (Modifikat) EN 60335-1:2012/A11:2014 EN 60335-1:2012/A13:2017
3.	EN 60335-2-4:2010 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-4: Rekwiżiti partikolari għal idroestrutturi ċentrifugi għat-tessuti IEC 60335-2-4:2008 (Modifikat) EN 60335-2-4:2010/A1:2015 EN 60335-2-4:2010/A11:2018
4.	EN 60335-2-15:2016 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-15: Rekwiżiti partikolari għal apparati għat-tisħin tal-likwidi IEC 60335-2-15:2012 (Modifikat) EN 60335-2-15:2016/A11:2018
5.	EN 60335-2-16:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-16: Rekwiżiti partikolari għal apparati li jqattgħu skart ta' ikel IEC 60335-2-16:2002 (Modifikat) EN 60335-2-16:2003/A1:2008 EN 60335-2-16:2003/A2:2012 EN 60335-2-16:2003/A11:2018
6.	EN 60335-2-28:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-28: Rekwiżiti partikolari għal magni tal-ħjata IEC 60335-2-28:2002 (Modifikat) EN 60335-2-28:2003/A1:2008 EN 60335-2-28:2003/A11:2018
7.	EN 60335-2-29:2004 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-29: Rekwiżiti partikolari għal ċarġers ta' batteriji IEC 60335-2-29:2002 + A1:2004 EN 60335-2-29:2004/A2:2010 EN 60335-2-29:2004/A11:2018
8.	EN 60335-2-55:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-55: Rekwiżiti partikolari għal apparati elettriki li jintużaw ma' akkwariji u pixxini f'għonja IEC 60335-2-55:2002 EN 60335-2-55:2003/A1:2008 EN 60335-2-55:2003/A11:2018
9.	EN 60335-2-59:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-59: Rekwiżiti partikolari għal apparati li joqtlu l-insetti IEC 60335-2-59:2002 (Modifikat) EN 60335-2-59:2003/A1:2006 EN 60335-2-59:2003/A2:2009 EN 60335-2-59:2003/A11:2018
10.	EN 60335-2-74:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-74: Rekwiżiti partikolari għal ħiters ta' immersjoni li jistgħu jinġarru IEC 60335-2-74:2002 EN 60335-2-74:2003/A1:2006 EN 60335-2-74:2003/A2:2009 EN 60335-2-74:2003/A11:2018
11.	EN 60335-2-85:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-85: Rekwiżiti partikolari għal stimers tad-drappijiet IEC 60335-2-85:2002 EN 60335-2-85:2003/A1:2008 EN 60335-2-85:2003/A11:2018

Nru	Referenza għall-istandard
12.	EN 60335-2-109:2010 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-109: Rekwiżiti partikolari għal apparati li jitrattaw l-ilma bir-radjazzjoni UV IEC 60335-2-109:2010 EN 60335-2-109:2010/A1:2018 EN 60335-2-109:2010/A2:2018
13.	EN 60529:1991 Gradi ta' protezzjoni pprovduti mill-involukri (Kodiċi IP) IEC 60529:1989 EN 60529:1991/AC:1993 EN 60529:1991/AC:2016-12 EN 60529:1991/A2:2013/AC:2019-02 EN 60529:1991/A1:2000 EN 60529:1991/A2:2013
14.	EN 60598-2-22:2014 Apparati ta' illuminazzjoni - Parti 2-22: Rekwiżiti partikolari - Apparati ta' illuminazzjoni f'każ ta' emerġenza IEC 60598-2-22:2014 EN 60598-2-22/AC:2015 EN 60598-2-22:2014/AC:2016-05 EN 60598-2-22:2014/AC:2016-09
15.	EN 60715:2017 Dimensjonijiet ta' switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx - Immuntar standardizzat fuq linji għal appoġġ mekkaniku ta' switchgear, controlgear u aċċessorji IEC 60715:2017
16.	EN 60898-1:2019 Aċċessorji elettriċi - Interruttori taċ-ċirkwit għall-protezzjoni mis-sovrakurrent għall-installazzjonijiet domestiċi u għal dawk simili - Parti 1: Interruttori taċ-ċirkwit għal operazzjoni b'kurrent alternat IEC 60898-1:2015 (Modifikat)
17.	EN 60947-2:2017 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx - Parti 2: Salvaviti IEC 60947-2:2016
18.	EN 60947-5-1:2017 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx - Part 5-1: Apparati u elementi ta' kommutazzjoni għaċ-ċirkwiti tal-kontroll - Apparati elettromekkaniċi għaċ-ċirkwiti tal-kontroll IEC 60947-5-1:2016
19.	EN 60947-5-5:1997 "Switchgear u controlgear" ta' vultaġġ baxx - Parti 5-5: Apparati u elementi ta' kommutazzjoni għaċ-ċirkwiti tal-kontroll - Apparat elettriku li jwaqqaf f'emerġenza b'funzjoni ta' mblokk mekkaniku IEC 60947-5-5:1997 EN 60947-5-5:1997/A1:2005 EN 60947-5-5:1997/A2:2017 EN 60947-5-5:1997/A11:2013
20.	EN 61008-1:2012 Interruttori taċ-ċirkwit differenzjali bla protezzjoni integrali mis-sovrakurrent għal użijiet domestiċi u għal dawk simili (RCCBs) - Parti 1: Regoli ġenerali IEC 61008-1:2010 (Modifikat) EN 61008-1:2012/A1:2014/AC:2016-06 EN 61008-1:2012/A1:2014 EN 61008-1:2012/A2:2014 EN 61008-1:2012/A11:2015 EN 61008-1:2012/A12:2017
21.	EN IEC 61010-2-201:2018 Rekwiżiti ta' sikurezza għal tagħmir elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju - Parti 2-201: Rekwiżiti partikolari għal tagħmir ta' kontroll IEC 61010-2-201:2017
22.	EN IEC 61058-1:2018 Swiċċijiet għall-apparati - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 61058-1:2016
23.	EN 61643-11:2012 Apparati ta' vultaġġ baxx li jiproteġu kontra tluġh f'daqqa tal-kurrent - Parti 11: Apparati li jiproteġu kontra tluġh f'daqqa tal-kurrent konnessi ma' sistemi ta' enerġija ta' vultaġġ baxx - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar IEC 61643-11:2011 (Modifikat) EN 61643-11:2012/A11:2018

Nru	Referenza għall-istandard
24.	EN 61851-23:2014 Sistema ta' ċċarġjar konduttiv ta' vetturi elettriċi - Parti 23: Stazzjon għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi DC IEC 61851-23:2014 EN 61851-23:2014/AC:2016-06
25.	EN 62560:2012 Lampi LED bil-ballast integrat għas-servizzi ta' tidwil ġenerali b'vultaġġ ta' > 50 V - Speċifikazzjonijiet ta' sikurezza IEC 62560:2011 (Modifikat) EN 62560:2012/AC:2015 EN 62560:2012/A1:2015/AC:2015 EN 62560:2012/A1:2015 EN 62560:2012/A11:2019
26.	EN 62606:2013 Rekwiżiti ġenerali għal apparati li jsibu ħsarat fl-ark IEC 62606:2013 (Modifikat) EN 62606:2013/A1:2017
27.	EN 63024:2018 Rekwiżiti għal apparati li jingħalqu awtomatikament (ARDs) għal interrutturi taċ-ċirkwit, RCBOs u RCCBs għal użijiet domestiċi u użijiet simili IEC 63024:2017 (Modifikat)

ANNEX II

Nru	Referenza għall-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN 50557:2011 Rekwiżiti għal apparati li jingħalqu awtomatikament (ARDs) għal interruttur taċ-ċirkwit-RCCBs għal użijiet domestiċi u użijiet simili	Is-27 ta' Mejju 2021
2.	EN 60204-1:2006 Sikurezza tal-makkinarju - Tagħmir elettriku tal-magni - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 60204-1:2005 (Modifikat) EN 60204-1:2006/A1:2009	Is-27 ta' Mejju 2021
3.	EN 60335-1:2012 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 60335-1:2010 (Modifikat) EN 60335-1:2012/A11:2014	Is-27 ta' Mejju 2021
4.	EN 60335-2-4:2010 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-4: Rekwiżiti partikolari għal idroestratturi ċentrifugi għat-tessuti IEC 60335-2-4:2008 (Modifikat) EN 60335-2-4:2010/A1:2015	Is-27 ta' Mejju 2021
5.	EN 60335-2-15:2002 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-15: Rekwiżiti partikolari għal apparati għat-tisħin tal-likwidi IEC 60335-2-15:2002 EN 60335-2-15:2002/A1:2005 EN 60335-2-15:2002/A2:2008 EN 60335-2-15:2002/A11:2012	Is-27 ta' Mejju 2021
6.	EN 60335-2-16:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-16: Rekwiżiti partikolari għal apparati li jqattgħu skart ta' ikel IEC 60335-2-16:2002 (Modifikat) EN 60335-2-16:2003/A1:2008 EN 60335-2-16:2003/A2:2012	Is-27 ta' Mejju 2021
7.	EN 60335-2-28:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-28: Rekwiżiti partikolari għal magni tal-ħjata IEC 60335-2-28:2002 (Modifikat) EN 60335-2-28:2003/A1:2008	Is-27 ta' Mejju 2021
8.	EN 60335-2-29:2004 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-29: Rekwiżiti partikolari għal ċarġers ta' batteriji IEC 60335-2-29:2002 + A1:2004 EN 60335-2-29:2004/A2:2010	Is-27 ta' Mejju 2021
9.	EN 60335-2-55:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-55: Rekwiżiti partikolari għal apparati elettriċi li jintużaw ma' akkwarij u pixxini f'għonja IEC 60335-2-55:2002 EN 60335-2-55:2003/A1:2008	Is-27 ta' Mejju 2021
10.	EN 60335-2-59:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-59: Rekwiżiti partikolari għal apparati li joqtlu l-insetti IEC 60335-2-59:2002 (Modifikat) EN 60335-2-59:2003/A1:2006 EN 60335-2-59:2003/A2:2009	Is-27 ta' Mejju 2021

Nru	Referenza għall-istandard	Data tal-irtirar
11.	EN 60335-2-74:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-74: Rekwiżiti partikolari għal ħiters ta' immersjoni li jistgħu jinġarru IEC 60335-2-74:2002 EN 60335-2-74:2003/A1:2006 EN 60335-2-74:2003/A2:2009	Is-27 ta' Mejju 2021
12.	EN 60335-2-85:2003 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-85: Rekwiżiti partikolari għal stimers tad-drappijiet IEC 60335-2-85:2002 EN 60335-2-85:2003/A1:2008	Is-27 ta' Mejju 2021
13.	EN 60335-2-109:2010 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 2-109: Rekwiżiti partikolari għal apparati li jitrattaw l-ilma bir-radjazzjoni UV IEC 60335-2-109:2010	Is-27 ta' Mejju 2021
14.	EN 60529:1991 Gradi ta' protezzjoni pprovdu mill-involukri (Kodiċi IP) IEC 60529:1989 EN 60529:1991/AC:1993 EN 60529:1991/A1:2000 EN 60529:1991/A2:2013	Is-27 ta' Mejju 2020
15.	EN 60598-2-22:2014 Apparati ta' illuminazzjoni - Parti 2-22: Rekwiżiti partikolari - Apparati ta' illuminazzjoni f'każ ta' emerġenza IEC 60598-2-22:2014 EN 60598-2-22/AC:2015	Is-27 ta' Mejju 2020
16.	EN 62560:2012 Lampi LED bil-ballast integrat għas-servizzi ta' tidwil ġenerali b'vultaġġ ta' > 50 V - Speċifikazzjonijiet ta' sikurezza IEC 62560:2011(Modifikat) EN 62560:2012/A1:2015 EN 62560:2012/AC:2015 EN 62560:2012/A1:2015/AC:2015	Is-27 ta' Mejju 2021
17.	EN 60715:2001 Dimensjonijiet ta' "Switchgear u controlgear" ta' vultaġġ baxx - Immuntar standardizzat fuq linji għal appoġġ mekkaniku ta' apparat elettriku fi stallazzjonijiet ta' "switchgear u controlgear" IEC 60715:1981 + A1:1995	Is-27 ta' Mejju 2021
18.	EN 60898-1:2003 Aċċessorji elettriċi - Interrutturi taċ-ċirkwit għall-protezzjoni mis-sovrakurrent għall-installazzjonijiet domestiċi u għal dawk simili - Parti 1: Salvaviti għal operazzjoni a.c. IEC 60898-1:2002 (Modifikat) EN 60898-1:2003/A1:2004 EN 60898-1:2003/A11:2005 EN 60898-1:2003/A13:2012	Is-27 ta' Mejju 2021
19.	EN 60947-2:2006 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx - Parti 2: Salvaviti IEC 60947-2:2006 EN 60947-2:2006/A1:2009 EN 60947-2:2006/A2:2013	Is-27 ta' Mejju 2021
20.	EN 60947-5-1:2004 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx - Part 5-1: Apparati u elementi ta' kommutazzjoni għaċ-ċirkwiti tal-kontroll - Apparati elettromeċċaniċi għaċ-ċirkwiti tal-kontroll IEC 60947-5-1:2003 EN 60947-5-1:2004/A1:2009	Is-27 ta' Mejju 2021

Nru	Referenza għall-istandard	Data tal-irtirar
21.	EN 60947-5-5:1997 "Switchgear u controlgear" ta' vultaġġ baxx - Parti 5-5: Apparati u elementi ta' kommutazzjoni għaċ-ċirkwiti tal-kontroll - Apparat elettriku li jwaqqaf femerġenza b'funzjoni ta' mblokk mekkaniku IEC 60947-5-5:1997 EN 60947-5-5:1997/A1:2005 EN 60947-5-5:1997/A11:2013	Is-27 ta' Mejju 2021
22.	EN 61008-1:2012 Interruttori taċ-ċirkwit differenzjali bla protezzjoni integrali mis-sovrakurrent għal użijiet domestiċi u għal dawk simili (RCCBs) - Parti 1: Regoli ġenerali IEC 61008-1:2010 (Modifikat) EN 61008-1:2012/A1:2014 EN 61008-1:2012/A11:2015 EN 61008-1:2012/A2:2014	Is-27 ta' Mejju 2021
23.	EN 61010-2-201:2013 Rekwiżiti ta' sikurezza għal tagħmir elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju - Parti 2-201: Rekwiżiti partikolari għal tagħmir ta' kontroll IEC 61010-2-201:2013 EN 61010-2-201:2013/AC:2013	Is-27 ta' Mejju 2021
24.	EN 61058-1:2002 Swiċċijiet għall-apparati - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 61058-1:2000 (Modifikat) + A1:2001 EN 61058-1:2002/A2:2008	Is-27 ta' Mejju 2021
25.	EN 61643-11:2012 Apparati ta' vultaġġ baxx li jiproteġu kontra tluġh f'daqqa tal-kurrent - Parti 11: Apparati li jiproteġu kontra tluġh f'daqqa tal-kurrent konnessi ma' sistemi ta' enerġija ta' vultaġġ baxx - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar IEC 61643-11:2011 (Modifikat)	Is-27 ta' Mejju 2021
26.	EN 61851-23:2014 Sistema ta' ċċarġjar konduttiv ta' vetturi elettriċi - Parti 23: Stazzjon għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi DC IEC 61851-23:2014	Is-27 ta' Mejju 2020
27.	EN 62560:2012 Lampi LED bil-ballast integrat għas-servizzi ta' tidwil ġenerali b'vultaġġ ta' > 50 V - Speċifikazzjonijiet ta' sikurezza IEC 62560:2011 (Modifikat) EN 62560:2012/A1:2015 EN 62560:2012/A1:2015/AC:2015	Is-27 ta' Mejju 2021
28.	EN 62606:2013 Rekwiżiti ġenerali għal apparati li jsibu ħsarat fl-ark IEC 62606:2013 (Modifikat)	Is-27 ta' Mejju 2021